

L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: tiġġieled id-diskriminazzjoni, il-fastidju u l-vjolenza kontra Lezbbjani u Omosesswali fl-UE

L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tal-UE illum qiegħda tippubblika r-rapport ġdid tagħha “L-Omofobija u d-Diskriminazzjoni fuq il-Bażi tal-Orjentazzjoni Sesswali u l-Identità tas-Sessi fl-Istati Membri tal-UE: it-Tieni Parti - is-Sitwazzjoni Soċjali”. Ir-rapport isib li d-diskriminazzjoni, il-fastidju u l-vjolenza kontra l-persuni LGBT (Lezbbjani, Omosesswali, Bisesswali u Transġeneri) huma mifruxa f’kull parti tal-UE. L-FRA titlob lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi biex ikomplu jtejbu l-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza u jassiguraw li jsir rappurtaġġ preċiż, sabiex itejbu s-sitwazzjoni.

Id-Direttur tal-FRA Morten Kjaerum qal: “Ħafna persuni LGBT jesperjenzaw id-diskriminazzjoni, il-bullying u l-fastidju. F’xi pajjiżi, il-persuni LGBT sofrew attacchi fiżiċi u saħansitra attacchi ħorox li kkaġunaw imwiet. Dawn huma sinjali allarmanti f’UE li tiftaħar dwar il-prinċipji tagħha tat-trattament ugwali u n-nuqqas ta’ diskriminazzjoni”.

Ir-rapport tal-FRA isib li d-diskriminazzjoni taffettwa l-ħajjiet tal-persuni LGBT tul il-mogħdijiet kollha tal-ħajja, minn fastidju fl-iskejjel għal diskriminazzjoni fuq ix-xogħol jew fil-kura tas-saħħa. F’xi Stati Membri, il-binjiet tal-NGOs tal-LGBT ġew vandalizzati jew saħansitra sfaw maħruqa. Avvenimenti bħal dimostrazzjonijiet tal-Gay Pride ġew ipprojbati jew imfixkla f’xi Stati Membri. Ir-rapport jinnota wkoll li d-diskors ta’ mibegħda minn figuri pubbliċi huwa fenomenu partikolarment inkwetanti, minħabba li jaffettwa l-opinjoni pubblika b’mod negattiv, u għalhekk ikompli jagħti n-nar lill-intolleranza.

Morten Kjaerum jgħid: “Aħna nafu li jiġu rrapportati ftit wisq inċidenti lill-pulizija jew lil awtoritajiet pubbliċi oħrajn. Dan ifisser li ħafna mir-reati jibqgħu jsiru bla ma jiġu kkastigati, il-vittmi jibqgħu ma jingħatawx ġustizzja, u l-awtoritajiet ma jkunux jistgħu jieħdu l-azzjoni neċessarja biex iwieġbu għal dawn ir-reati jew biex jipprevenuhom milli jerġgħu jiffaċċaw. Jien qiegħed nitlob lill-gvernijiet tal-UE biex itejbu r-rekords tar-reati ta’ mibegħda u biex iħarrġu lill-pulizija tagħhom kif jixraq. Barra minn hekk, hemm bżonn li jkollna kampanji biex ngħarrfu lil kulħadd dwar id-diversità u d-diskriminazzjoni, minħabba li t-tressiq ta’ ilment jeħtieġ li n-nies ikunu konxji legalment.”

Fl-istess waqt, l-Aġenzija tinnota li f'xi pajjiżi hemm evidenza inkoraġġanti li qegħdin isiru sforzi biex titjeb is-sitwazzjoni. Pereżempju, kien hemm numru ta' pajjiżi li introduċew mekkaniżmi ta' rappurtaġġ anonimu, fejn ilment ikun jista' jsir permezz tal-internet, jew lil korpi indipendenti li jkunu involuti fihom l-organizzazzjonijiet tal-LGBT. F'diversi Stati Membri, l-avvenimenti tal-Pride ġew iċċelebrati bil-parteċipazzjoni ta' ministri tal-gvern u partiti politiċi. Ir-regoli tal-UE kontra d-diskriminazzjoni beda jkollhom ukoll xi effetti pożittivi. Madankollu, il-protezzjoni leġislattiva kontra d-diskriminazzjoni għad għandha xi nuqqasijiet. Filwaqt li l-leġislazzjoni mxerrda mal-UE kollha tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali fil-kuntest tax-xogħol, hija għadha ma tkoprix setturi bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, jew is-servizzi tas-saħħa. Sabiex tagħmel tajjeb għal din is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni tal-UE pproponiet leġislazzjoni aktar komprensiva kontra d-diskriminazzjoni f'Lulju 2008.

Anastasia Crickley, Chairperson tal-Bord Amministrattiv tal-FRA, ikkonkludiet: "Kull persuna fl-UE għandha tkun tista' tgħix mingħajr biża' u diskriminazzjoni, irrispettivament mill-orjentazzjoni sesswali tagħha. Jiena qiegħda nitlob lill-gvernijiet kollha tal-UE biex jappoġġjaw il-leġislazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni li għadha kif ġiet proposta."

"L-Ewwel Parti – Is-sitwazzjoni legali" tar-Rapport tal-FRA ġiet ippubblikata f'Ġunju 2008 u sabet li l-protezzjoni legali għall-persuni LGBT tvarja b'mod konsiderevoli madwar l-UE.

Ir-rapport tal-FRA jista' jinstab fuq <http://fra.europa.eu>

Jekk għandek aktar mistoqsijiet, jekk jogħġbok ikkuntattja lit-Tim tal-Midja tal-FRA:

Tel.: +43 1 58030-642

media@fra.europa.eu